

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## ta' l-Unjoni Ewropea

Ħarġa Speċjali \*  
12 ta' Ottubru 2006

Edizzjoni bil-Malti

### Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru

Werrej

Paġna

I *Tagħrif*

.....

II *Atti Preparatorji*

.....

III *Avviżi***Europol**

Avviż għal Reklutaġġ – Deputat Direttur ..... 1



## III

(Awiżi)

## EUROPOL

## AVVIŻ GĦAL REKLUTAĠĠ

## DEPUTAT DIRETTUR

(2006/C 245 A/01)

L-Europol iqis li rappreżentazzjoni bbilanċjata ta' nisa u rġiel hija importanti daqs ir-rappreżentazzjoni adegwata ta' ċittadini ta' l-Istati Membri kollha, b'kont meħud ta' rappreżentazzjoni ġeografika xierqa, u tal-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Għal dan l-iskop, l-Europol jinkuraġġixxi b'mod partikolari lin-nisa mill-Istati Membri kollha sabiex japplikaw għal dan il-post tax-xogħol battal.

## IL-MISSJONI TA' L-EUROPOL

L-għan ta' l-Europol huwa dak li jgħin fit-titjib ta' l-effikaċja u l-koperazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fil-prevenzjoni u l-għieda tal-forom serji kollha tal-kriminalità internazzjonali. Din il-missjoni ssir prinċiplament f'ambjent fejn jiġi mitkellem l-Ingliż.

## 1. DESKRIZZJONI TAX-XOGĦOL

## A. Responsabbiltajiet prinċipali għall-Viċi Diretturi ta' l-Europol

1. J(t)ipprovdi tmexxija u direzzjoni lid-dipartiment sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' l-Europol;
2. J(t)assigura l-amministrazzjoni ta' kuljum u t-tmexxija tal-personal fuq livell dipartimentali;
3. J(t)ipprovdi preparazzjoni u implimentazzjoni xierqa tad-deċiżjonijiet tal-korpi rilevanti;
4. J(t)assigura preparazzjoni u implimentazzjoni xierqa ta' kwistjonijiet relatati mal-baġit fuq livell dipartimentali;
5. J(l)sostni u j(t)assisti lid-Direttur fl-iżvilupp strateġiku ta' l-Europol;
6. J(t)issorvelja l-ippjanar korporattiv u l-ġestjoni tal-prestazzjoni fi ħdan id-dipartiment;
7. J(t)ippromwovi l-kisbiet ta' l-Europol lill-midja;
8. I(t)mexxi u j(t)ippromwovi l-iżvilupp ta' programmi li jqajmu l-għarfien;

9. Iżomm kuntatt strett u jorganizza diskussjonijiet regolari mad-dipartimenti l-oħra;
10. J(t)irrapreżenta u jieħu post id-Direttur kif u meta meħtieġ;
11. I(t)wettaq kull kompitu ieħor assenjat lilhom mid-Direttur.

## B. Responsabbiltajiet speċifiċi għall-post vakanti

Mingħajr preġudizzju għad-definizzjoni tal-kompiti u responsabbiltajiet tad-Direttur, il-persuna li tingħata l-post se tkun, partikolarment responsabbli għal:

1. It-tmexxija u l-kontroll tad-Dipartiment tal-Ġestjoni u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-koordinazzjoni ta' l-unitajiet tiegħu;
2. Tkompli tiżviluppa u tikkontrolla l-implimentazzjoni ta' l-istrateġiji li ġejjin:
  - a. Ġestjoni ta' l-Informazzjoni u Strateġija tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni;
  - b. Strateġija ta' l-informazzjoni sigrieta (inkl. Mudell ta' l-Informazzjoni Sigrieta);
  - c. Strateġija tal-Bureaux tal-Liaison;
3. Il-ġestjoni tat-temma ta' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' l-Informazzjoni;
4. Il-forniment ta' qafas fi ħdan l-organizzazzjoni għall-ġestjoni koerenti tad-dejtabejżis tiegħu kollha;
5. Jassigura li l-Europol jipprovdi ħażna ta' dejta u t-trażmissjoni tagħha b'mod effettiv u effiċjenti bejn l-Europol u imsieħba oħra ta' koperazzjoni li magħhom l-Europol kien iffirma ftehim;
6. Jisponsorja l-professjonaliżmu ta' l-Europol fil-qasam tal-ġestjoni ta' l-informazzjoni u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni;
7. Jaħdem bħala Koordinatur tal-Kunfidenzjalità;
8. Jmexxi s-superviżjoni tal-proġett tat-tekabbir;
9. Jassumi l-funzjoni temporanja bħala l-punt ta' kuntatt tad-Direttorat għall-assistenza lill-Bureau ta' Kollegament.

## 2. KAPAĊITAJIET PERSONALI MEĦTIEĠA

L-Applikanti jkunu jridu juru għarfien tajjeb ħafna fil-Ġestjoni u fit-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni fuq livell maniġerjali għoli, preferibbilment fi ħdan kuntest internazzjonali. Għarfien u esperjenza fl-ambjent ta' l-infurzar tal-liġi huma kkonsidrati bħala ta' vantaġġ.

Barra minn hekk, l-applikanti ikunu meħtieġa li:

1. ikollhom lawrja universitarja jew ekwivalenti;
2. jkunu maniġers bl-esperjenza u fi grad għoli (minimu ta' 10 snin ta' esperjenza maniġerjali);
3. jippossjedu kapacitatijiet pruvati ta' tmexxija (effikaċja meta jkunu jridu jikkonvinċu l-aċċettazzjoni ta' xi ideat u fl-iggwidar ta' grupp jew individwu sabiex iwettqu xi kompitu);

4. juru kapaċitajiet imprenditorjali b'saħħithom fil-mod ta' kif jidentifikaw u jsegwu oqsma ġodda ta' attivitajiet;
5. juru ftehim strateġiku (viżjoni wiesgħa, l-abilità li jifhem kwistjonijiet kruċjali malajr u l-kapaċità li japplikaw viżjoni strateġika biex isib soluzzjoni għal problemi prattiċi).
6. jkun kapaċi li jikkomunika b'mod effettiv (b'mod sewwa, ċar u fil-qosor, kemm orali kif ukoll bil-miktub) ma' udjenzi kemm interni kif ukoll esterni u mal-midja. Konozzenza tajba ta' mill-anqas żewġ lingwi uffiċjali ta' l-UE, inkluż l-Ingliż.
7. juru u jżommu livell għoli ta' onestà u integrità (permezz ta' l-imġieba personali u eżembju għal ħaddieħor, inkluża t-trasparenza fl-azzjonijiet u fit-teħid ta' deċiżjonijiet u jinkoraġixxu imġieba etika f'ħaddieħor);
8. juru kapaċitajiet tajba ta' influenzar fuq il-livelli l-aktar għoljin (jinfluenzaw lil ħaddieħor sabiex jintlaħaq ftehim jew isir impenn);
9. ikollhom kapaċitajiet diplomatiċi eċċelenti u l-kapaċità li jaħdmu fuq kwistjonijiet sensitivi fuq l-ogħla livelli amministrattivi u politiċi;
10. jipposjedu kapaċitajiet interpersonali b'saħħithom bis-saħħa li jispira u jimmotiva personal li jkun ġej minn diversi oqsma tal-ħajja kif ukoll ta' nazzjonalitajiet differenti (li jkunu flessibbli u attivi fl-interazzjonijiet tiegħu, jaħdmu b'mod koperattiv u b'mod li jagħti sostenn meta jkun f'tim);
11. ikunu jifilħu għall-istress (sabiex iżomm effikacija kbira u approċċ pożittiv quddiem diffikultajiet u oppożizzjoni);
12. juru li kapaċi jkunu innovattivi (kapaċità li joħroġu b'soluzzjonijiet ġodda għal sitwazzjonijiet ta' xogħol, jirikonnoxxu u jaċċettaw soluzzjonijiet oriġinali),
13. ikunu jafu jippjanaw u jorganizzaw b'mod effettiv (kapaċi li jstabilixxu u jikkontrollaw metodu ta' azzjoni xieraq kemm għalih/għaliha kif ukoll għall-oħrajn sabiex jiksbu għan speċifiku bl-użu approprijat ta' riżorsi u jiddelegaw b'mod effettiv).

### 3. KONDIZZJONIJIET GĦALL-IMPJIEG

Il-kandidat jista' jiġi mpjegat biss fuq il-kondizzjoni li huwa/hija ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u jgawdi drittijiet sħaħ bħala ċittadin fil-ġurnata ta' l-applikazzjoni tiegħu/tagħha.

Il-Konvenzjoni ta' l-Europol flimkien ma' l-Att tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 1998, li jstipula r-Regolamenti tal-Personal li huma applikabbli għall-Impjegati ta' l-Europol (1998/C/26/07), kif emendat mill-Att tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2002 (2003/C/24/01), jipprovdu l-qafas legali ta' din il-proċedura ta' selezzjoni.

Aktar informazzjoni tista' tinsab f'[www.europol.eu.int](http://www.europol.eu.int).

### 4. ĦATRA

Il-kandidat li jintgħażel jiġi maħtur mill-Kunsill, wara li jottjeni l-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija ta' l-Europol, għal perjodu ta' erba' snin li jista' jiġġedded darba biss.

## 5. SALARJU

Skala tas-Salarju: 2

Is-salarju bażiku huwa EUR 13 180,56

Minbarra dan, meta rilevanti, jistgħu jingħataw sussidji għall-familja:

- 5 % tas-salarju bażiku – konċessjoni għad-dar;
- EUR 275,59 għal kull wild li huwa dipendenti;
- EUR 1 198,24 – konċessjoni ta' espatrijazzjoni

Kontribuzzjonijiet soċjali u taxxi għandhom jiġu mnaqqsa mill-ammonti hawn fuq imsemmija.

## 6. EŻAMI TAS-SIGURTÀ

L-applikanti li jintgħażlu jiġu soġġetti għal eżami tas-sigurtà (*security screening*) skond r-regolamenti dwar segretezza adottati skond l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' l-Europol.

## 7. DATI IMPORTANTI

Data ta' l-għeluq għall-applikazzjoni: 60 jum mill-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*

Proċedura ta' selezzjoni: l-ewwel semestru ta' l-2007

Data minn meta jibda l-impieg: 1 ta' Lulju 2007

## 8. APPLIKAZZJONIJIET

L-Applikanti huma ġentilment mitluba li jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom bil-miktub billi jużaw il-formola ta' l-applikazzjoni li hija disponibbli fuq il-websajt ta' l-Europol u jibgħatuhom lil:

Il-President tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Europol  
C/o Il-Kap tar-Riżorsi Umani  
L-Europol  
Raamweg 47;  
PO Box 90850  
2509 LW, L-Aja;  
L-Olanda  
Faks: + 31 70 318 08 61  
[www.europol.eu.int](http://www.europol.eu.int)

Persuna ta' Kuntatt:

Is-Sur C. Jechoutek, Assistant Direttur  
Tel: + 31 70 302 53 61  
E-mail: [hru@europol.eu.int](mailto:hru@europol.eu.int)

---